PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

(SEDE KOSTITUZZJONALI)

IMĦALLEF

ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

Rikors Kostituzzjonali Nru **472/2022**

**REPUBBLIKA**

**VS**

**L-AVUKAT TAL-ISTAT**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **sentenza finali** dwar allegazzjoni u potenzjalita' ta' leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq tal-għaqda REPUBBLIKA (minn issa 'l quddiem, *"l-għaqda rikorrenti"*), kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' rikors kostituzzjonali preżentat nhar it-tnax (12) ta' Settembru 2022, l-għaqda **REPUBBLIKA** ippremettiet:

   a. *Illi REPUBBLIKA hija mmexxija minn Kumitat ta' persuni li huma taxpayers f'Malta u huma ċittadini Maltin u hija munita, iggwidata u vinkolata bi Statut li jgħid fl-**artiklu 2(1)** tiegħu:*

      *"The Association is composed of individuals who act independently of government and other interests and seeks to promote civil rights, democratic life, the rule of law, free speech, personal freedoms, social inclusion, environmental conservation, economic sustainability and equality of access, by means of active participation in the national discourse and related educational, social and charitable initiatives.";*

   *Kif ukoll fl-**artiklu 2(8a(i))** tiegħu l-iStatut jgħid hekk:*

      *"The objects, aims and purposes for which the Association is being constituted and established are:*

      *(a) To promote civil rights, democratic life, the rule of law, free speech, personal freedoms, social inclusion, environmental conservation, economic sustainability and equality of access, by means of active participation in the national discourse and related educational, social and charitable initiatives;*

   *U fl-**artiklu 2(8)(ix)** tal-iStatut jingħad hekk:*

      *"To promote the drawing up of strategies for non-violent resistance against the domination of the mafia in Malta and mafia infiltration within the community and institutions; promoting a culture of accountability for people of authority who*

abuse their power in breach of the obligations of their public function; draw up non-violent strategies of resistance to corruption;"

REPUBBLIKA, skond l-**artiklu 3** tal-iStatut tagħha hija ippernjata fuq numru ta' prinċipji, fosthom li:

> "*b) A democratic state is well-functioning and authoritative and incorporates ways and means to check, monitor and restrain the power of political leaders and state officials. In this context civil society oversees how state officials use their powers, and raises public concern about any abuse and lobbies for access to information to carry out this function.*
>
> *c) Civil society exposes corrupt conduct of public officials and lobbies for good governance reforms.*"

b. Permezz ta' dan ir-rikors, ***in essenza***, *r-rikorrenti qed tilmenta minn ksur tad-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq quddiem Qorti imparzjali u senjatament il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sedenti l-Maġistrat Dr Nadine Lia fil-kawża ta' challenge ta'* ***REPUBBLIKA vs Il-Kummissarju tal-Pulizija*** *ippreżentata fis-27 ta' Ġunju 2022, in vista tal-fatt li l-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta qed jagħti awtorita' mhux sindikabbli lil ġudikant, u cjoe lill-Maġistrat Dr Nadine Lia, li qed tippresjedi kawża tal-istess REPUBBLIKA kontra l-Kummissarju tal-Pulizija a tenur tal-art. 541 tal-Kodiċi Kriminali sabiex din il-Maġistrat tiddeċiedi* ***hi waħedha u hija stess*** *it-talbiet ta' rikuża li REPUBBLIKA ressqet quddiemha għal diversi raġunijiet skond il-liġi, u stante li l-Maġistrat Nadine Lia ma tista tagħti ebda garanzija ta' imparzjalita' jew dehra ta' imparzjalita' quddiem kawża fejn l-interessi tal-klijenti tal-kunjatu tagħha huma mhedda bl-azzjoni legali li REPUBBLIKA qed titlob li ssir kontrihom;*

c. Fil-qosor ħafna, il-fatti li qed jagħtu lok għal dan ir-rikors kostituzzjonali huma s-segwenti:

i. Fis-27 ta' Gunju 2022 REPUBBLIKA intavolat rikors ġuramentat kontra l-Kummissarju tal-Pulizija a tenur tal-art. 541 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), hekk imsejjaħ challenge proceedings biex dan ikun ordnat iressaq 'l Qorti fuq money laundering, assocjazzjoni kriminali, kongura u reati ohra, lill-ex-Diretturi u uffiċjali tal-Pilatus Bank skont kif hekk ordnat Inkjesta Maġisterjali li ntemmet fl-2021;

ii. Dan il-każ ġie assenjat lis-Sinjura Maġistrat Dr Nadine Lia;

iii. Fir-rikors ġuramentat a tenur tal-art. 541 tal-Kodiċi Kriminali, REPUBBLIKA wriet li kienet taf x'kienu l-konklużjonijiet ewlenin ta' Inkjesta Maġisterjali dwar il-hasil tal-flus u reati oħra li seħħew mill-uffiċjali u Diretturi tal-Pilatus Bank f'Malta, liema Inkjesta Maġisterjali ntemmet f'Marzu 2021;

iv. REPUBBLIKA fir-rikors promotur tagħha wriet quddiem il-Maġistrat Nadine Lia, bil-ġurament tal-President tagħha, n-Nutar Robert Aquilina, li l-Inkjesta Maġisterjali li intemmet f'Marzu 2021 kienet ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jressaq 'l Qorti numru ta' persuni, Maltin u barranin, in konnessjoni mal-ħasil tal-flus u assoċjazzjoni kriminali u kongura li twettqu minn u permezz tal-Pilatus Bank;

v. Fost dawn il-persuni indizzjati hemm ħbieb intimi tal-ex Prim Ministru Joseph Muscat u l-ex Chief of Staff tiegħu Keith Schembri, kif ukoll fil-konfront tal-istess Keith Schembri instab mill-Inkjesta Maġisterjali li kien hemm lok li dan jiġi mressaq fuq trading in influence, reat kriminali;

vi. REPUBBLIKA fir-rikors promotur wriet quddiem il-Maġistrat Nadine Lia, bil-ġurament tal-President tagħha, n-Nutar Robert Aquilina, li l-Inkjesta Maġisterjali li intemmet f'Marzu 2021 kienet ordnat lill-Avukat Ġenerali sabiex terġa' tinfetaħ l-Inkjesta Maġisterjali dwar EGRANT għax l-esperti forensiċi mqabbdin mill-Maġistrat Inkwirenti

*fl-Inkjesta Maġisterjali dwar il-Pilatus Bank sabu li hemm każ fondat biex jemmnu li l-Pilatus Bank kellu sistema moħbija ta' kif jinżammu l-accounts li setgħet ħbiet ħlas ta' tixħim ta' iktar minn $1 miljun u liema strataġemma ma kienx inqabad mill-Inkjesta Maġisterjali EGRANT li infetħet fl-2017 fuq talba tal-Avukat Pawlu Lia ghan-nom ta' Joseph Muscat dakinhar Prim Ministru;*

*vii. REPUBBLIKA ssottomettiet bil-miktub (għax hekk ġiet ordnata tagħmel mill-istess Maġistrat Dr Nadine Lia) lill-Maġistrat Dr Nadine Lia li ġaladarba l-kunjatu tagħha kien l-Avukat ta' Joseph Muscat, allegat klijent tal-Pilatus Bank, u ta' Keith Schembri, klijent ikkonfermat tal-Pilatus Bank, ma setgħet qatt tagħti l-garanzija ta' imparzjalita' oġġettiva u suġġettiva mitluba mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*viii. Immedjatament kif ir-rikors promotur ġie assenjat quddiem il-Maġistrat Lia u REPUBBLIKA saret taf b'dan, REPUBBLIKA talbet lill-istess Maġistrat Lia permezz ta' rikors appożitu sabiex il-Qorti tal-Maġistrati tressaq 'l quddiem l-ewwel data ta' smigħ tal-kawża (li l-Maġistrat Lia kienet* ***appuntat għal 4 (erba') xhur wara, u cioe fis-27 t'Ottubru 2022****) sabiex REPUBBLIKA tkun tista' titlob ir-rikuża formalment skond il-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta minħabba l-parentela tal-Maġistrat Lia mal-Avukat ta' Joseph Muscat u Keith Schembri;*

*ix. REPUBBLIKA ġabet raġuni oħra għala l-Maġistrat Lia kellha tirrikuża ruħha mill-ewwel: il-fatt li missier ir-raġel tagħha (Dr. Pawlu Lia) kien l-avukat li kien irrediġa t-terms of reference f'Mejju 2017 lill-Maġistrat tal-Għassa dakinhar sabiex tinfetaħ l-Inkjesta EGRANT sabiex din issib ta' min m'hijiex EGRANT minflok ta' min hi jew għal min kienet intenzjonata meta twaqqfet fl-2013;*

*x. REPUBBLIKA ġiet mitluba mill-Maġistrat Lia biex tagħti r-raġunijiet tagħha bil-miktub ghar-rikuża tagħha, minkejja li l-Kap.12 jobbliga (ġustament) li min jitlob rikuża dan jagħmlu fil-Qorti* ***<u>fil-miftuħ</u>*** *(art.737 tal-Kap.12);*

xi. REPUBBLIKA ippreżentat nota urġenti fejn talbet gwida lill-Maġistrat għax kellha d-dilemma tobdix ordni illeġittima tal-Maġistrat li riditha turi minn issa bil-miktub x'kellha x'tgħid fuq ir-rikuża tagħha, inkella tobdix il-Liġi li b'għaqal trid li jkun hemm massima trasparenza meta tintalab rikuża;

xii. Stante li l-Maġistrat Dr Lia baqgħet tordna lil REPUBBLIKA sabiex titlob ir-rikuża bil-miktub immedjatament u tgħid għala, REPUBBLIKA ottemperat ruħha ma' dik l-ordni u semmiet l-iktar raġunijiet importanti;

xiii. REPUBBLIKA ġabet diversi raġunijiet bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) biex turi għala l-Maġistrat Dr Lia qatt ma setgħet tkun ġġudikant imparzjali u lanqas tidher li hija imparzjali;

xiv. B'żieda mar-raġunijiet li ssemew hawn fuq, REPUBBLIKA tat raġuni oħra bil-miktub f'dak l-istadju quddiem il-Maġistrat Lia: inċident ġewwa l-Belt Valletta fil-pubbliku meta l-Avukat Pawlu Lia mar fuq il-President ta' REPUBBLIKA, n-Nutar Robert Aquilina, u aggredih verbalment biex jintimidah għal kważi 15-il minuta talli kien azzarda jitlob ir-rikuża minħabba "l-familja tiegħi";

xv. Minkejja dan kollu, fid-digriet tagħha tad-29 ta' Awwissu 2022, il-Maġistrat Lia reġgħet ċaħdet it-talba tar-rikuża li għamlet REPUBBLIKA;

xvi. REPUBBLIKA, minkejja tali ċaħda, reġgħet għamlet it-tielet talba għal rikuża permezz ta' rikors tal-1 ta' Settembru 2022 li ġie deċiż u miċħud mill-Maġistrat Dr Nadine Lia fis-6 ta' Settembru 2022 u li izda ġie komunikat lil REPUBBLIKA fis-7 ta' Settembru 2022. Mhux talli f'dan id-digriet il-Maġistrat Dr Nadine Lia **<u>ċaħdet</u>** it-talba ta' REPUBBLIKA biex jitħarrek il-kunjatu tagħha fl-ewwel seduta sabiex REPUBBLIKA tkun tista' turi għala l-parentela tiegħu mal-Maġistrat sedenti kien qed jeqred kull garanzija ta' imparzjalita' soġġettiva u oġġettiva, iżda ċanfret lil Repubblika għax qalet li fir-rikors oriġinali tagħha, REPUBBLIKA tkellmet biss fuq id-Diretturi ta' Pilatus Bank li

l-pulizija għadha ma ressqitx u m'għamlet l-ebda riferenza għal Egrant;

xvii. Għal xi raġuni l-Maġistrat Lia bħal donnha kellha bħal għamad ma' għajnejha li ma ħallihiex tara dak li REPUBBLIKA qalet dwar Egrant fir-rikors oriġinali tagħha tas-27 ta' Gunju 2022, u injoratu, u cjoe: "Apparti minn hekk, ir-rikorrent jaf ukoll, u dan qed jingħad għall-kompletezza quddiem din l-Onorabbli Qorti, li l-Inkjesta Maġisterjali imsemmija li ntemmet għall-ħabta ta' Marzu 2021 ordnat li terġa' tinfetaħ l-inkjesta EGRANT, liema EGRANT, kumpanija sigrieta fil-Panama mwaqqfa 48 siegħa wara l-elezzjoni ġenerali tal-2013 f'Malta, hija intimament marbuta mal-operat maħmuġ tal-Pilatus Bank, u dan kif inhu magħruf minn diversi rapporti lokali u internazzjonali.";

xviii. Iktar minn hekk, 1. il-Maġistrat Nadine Lia **injorat** id-Dokument A ippreparat, awtentikat u maħluf min-Nutar Robert Aquilina, fejn tissemma Egrant; u 2. **mhux vera** li qalet il-Maġistrat Nadine Lia li l-lista ta' indizjati ma tistax tirrigwardja klijenti tal-kunjatu tagħha għax fid-Dokument B esebit mar-rikors promotur jintużaw il-kliem "inter alia" bi skop;

xix. Stranament ukoll f'dan id-digriet tas-6 ta' Settembru 2022, il-Maġistrat Dr Nadine Lia, fejn ċaħdet għat-tielet darba r-rikuża mitluba, ħasset li kellha tirreferi għall-incident imsemmi minn REPUBBLIKA fejn il-kunjatu tagħha qasam Strada Rjali fil-Belt Valletta biex jintimida u jħebb verbalment għall-President ta' REPUBBLIKA talli kien azzarda jitlob ir-rikuża tagħha bħala "inċident spontaneju";

xx. Jiġifieri l-Maġistrat Nadine Lia **qabel** biss semgħet ix-xhieda kemm tan-Nutar Aquilina, kemm tal-kunjatu tagħha l-Avukat Lia, kif ukoll ta' terzi magħrufa li kienu fuq il-post, għaddiet ġudizzju dwar in-natura tal-inċidenti imsemmi;

xxi. La ma nstemghetx ix-xhieda tal-avukat Pawlu Lia dwar dan l-incident meta dan qasam biex jakkosta lil Robert Aquilina, President ta' REPUBBLIKA, kif jista' jkun li l-Maġistrat Nadine Lia ħassitha komda tgħid li kien "inċident spontaneju"? Bilfors jinqala' s-suspett raġjonevoli għall-aħħar li l-Maġistrat Lia privatament ikkonsultat mal-kunjatu tagħha dwar dan l-inċident. Is-suspett waħdu, aħseb u ara jekk dan hu dak li fil-fatt seħħ, hu raġuni oħra għar-rekuża tal-Maġistrat Lia;

xxii. REPUBBLIKA tissottometti li tali dikjarazzjonijiet tal-Maġistrat Dr Nadine Lia u tali nuqqasijiet fil-korrettezza fattwali ta' dak li nkiteb quddiemha juru l-parzjalita' lampanti tal-Maġistrat Dr Nadine Lia fil-konfront ta' REPUBBLIKA;

xxiii. REPUBBLIKA temmen li hemm sahansitra iktar raġunijiet għar-rikuża tal-Maġistrat Dr Nadine Lia, ilkoll naxxenti mill-parentela tagħha mal-avukat Pawlu Lia u allura kunflitt t'interess lampanti:

a. Dr Pawlu Lia kien l-avukat ta' Konrad Mizzi għal snin sħaħ u ddefendih f'ħemel libelli fejn l-allegazzjoni kienet il-korruzzjoni jew il-ħasil tal-flus, inkluż permezz ta' kumpaniji sigrieti barra minn Malta. Huwa fatt magħruf li Chen Cheng, in-negozjatur ewlieni Ċiniż mal-Enemalta u ma' Konrad Mizzi meta dan kien Ministru responsabbli mill-Enemalta, instab li kien il-moħħ wara kumpanija sigrieta fil-Panama biex iħallas tixħim lill-istess Konrad Mizzi u Keith Schembri li kumbinazzjoni t-tnejn kienu patroċinati mill-kunjatu tal-Maġistrat Nadine Lia;

b. L-istess Chen Cheng instab li kellu kont fil-Pilatus Bank. Jiġifieri dak li hu allegat li kien qed ixaħħam lill-klijenti tal-kunjatu tal-Maġistrat Dr Nadine Lia kellu kont fil-bank li huwa suġġett taċ-challenge magħmula minn REPUBBLIKA;

c. Skont il-**liġi tas-suċċessjoni**, il-Maġistrat Nadine Lia għandha dritt li tiret mingħand żewġha kwart ta' ġidu kollu bħala s-sehem riżervat lilha qua martu. Ulied il-Maġistrat Nadine Lia għandhom

*dritt jirtu mingħand iben Pawlu Lia terz ta' ġidu kollu. Ir-raġel tal-Maġistrat Nadine Lia u ħutu għandhom dritt jirtu terz ta' ġid Pawlu Lia. Mela allura l-Maġistrat Nadine Lia għandha interess pekunjarju ċar fil-ġid tal-avukat Pawlu Lia, il-kunjatu tagħha;*

d. *Skond il-Liġi Ċivili, il-Maġistrat Nadine Lia u żewġha, it-tifel ta' Dr Pawlu Lia, huma preżunti li għandhom il-**komunjoni tal-akkwisti**. Għalhekk hija jkollha dritt għal nofs il-frott ta' dak kollu li żewġha jiret mingħand Dr Pawlu Lia. Interess pekunjarju u finanzjarju ieħor li l-Maġistrat Nadine Lia għandha fil-beni tal-Avukat Pawlu Lia, il-kunjatu tagħha;*

e. *La teżisti l-preżunzjoni tal-**komunjoni tal-akkwisti** bejn il-Maġistrat Nadine Nadine Lia u żewġha, li hu avukat li jaħdem fl-istess ufficju legali ma' missieru Dr Pawlu Lia, dak kollu li żewġha jdaħħal mis-sehem tiegħu fl-uffiċċju ta' Pawlu Lia jidħol awtomatikament fil-komunjoni li Nadine Lia u żewġha huma preżunti li għandhom. Dan huwa interess finanzjarju dirett tal-Maġistrat Nadine Lia u effettivament hemm "financial partnership" bejn il-Maġistrat Nadine Lia u l-kunjatu taghha. Ergo, kunflitt ta' interess lampanti u koċċut;*

f. *Raġuni oħra li REPUBBLIKA temmen li timmina gravament l-imparzjalita' oġġettiva u soġġettiva tal-Maġistrat Nadine Lia fil-konfront ta' REPUBBLIKA fil-kawża ta' challenge miftuħa fis-27 ta' Ġunju 2022 tippernja madwar l-ex Ministru u ex employer ta' Dr Nadine Lia u cjoe Dr Chris Cardona;*

g. *Dan għaliex huwa fatt magħruf li Dr Nadine Lia kienet person of trust tal-Ministru Chris Cardona, tant li wara l-elezzjoni tal-2013 hija ngħatat mingħandu kuntratt ta' €60,512 fis-sena bħala konsulent legali tal-Ministru Cardona u iktar tard appuntata minnu bħala Regolatur tal-Family Businesses;*

h. *Ċara li fl-2019 REPUBBLIKA talbet, tħabtet u rebħet battalja legali bla preċedent biex tinfetaħ Inkjesta Maġisterjali kontra*

numru ta' Ministri għal ħasil ta' flus u korruzzjoni fil-kuntratti tal-VGH (sptarijiet pubbliċi). Wieħed minn dawk indikati minn REPUBBLIKA li kellu jkun investigat għal dawn ir-reati kriminali kien proprju Chris Cardona;

i. *Kif jista' jkun, tissottometti bil-qima REPUBBLIKA, li hija jkollha l-kawża ta' challenge li hija fetħet fis-27 ta' Gunju 2022 ġudikata u mismugħa minn Maġistrat imparzjali u indipendenti (sew oġġettivament u soġġettivament) meta REPUBBLIKA talbet u qed titlob f'Inkjesta Maġisterjali (VGH, li għadha pendenti) biex l-istess ex employer tal-Maġistrat Nadine Lia jiġi pproċessat u misjub ħati għal ħasil ta' flus u korruzzjoni, meta llum quddiem dik l-istess Maġistrat Nadine Lia hemm l-istess REPUBBLIKA? Fejn hija, ssaqsi REPUBBLIKA bil-qima, il-garanzija li l-ġustizzja tkun tidher (imqar) li qed issir?*

j. *Iktar u iktar meta fl-istess perjodu li Dr Nadine Lia kienet person of trust tal-Ministru Chris Cardona (wara l-elezzjoni tal-2013) u allura* ***fl-istess*** *perjodu li REPUBBLIKA kienet talbet li Chris Cardona jitressaq 'l Qorti fuq korruzzjoni u ħasil ta' flus imwettaq minnu* ***fl-istess*** *perjodu li jkopri l-perjodu meta Nadine Lia kienet person of trust tiegħu, Chris Cardona kellu bħala avukat tiegħu ħadd ħlief….l-Avukat Pawlu Lia, il-kunjatu ta' Nadine Lia. L-employer ta' Nadine Lia li kien taha kuntratt ta' €60,512 fis-sena kien qabbad bħala avukat tiegħu lill-kunjatu ta' Dr Nadine Lia, u dan sija qabel u sija wara li Dr Nadine Lia kienet appuntata Maġistrat f'April 2019. Din tassew kienet u hija "****a blissful all-in-the family jamboree****" kif darba l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem per Imħallef Giovanni Bonello qalet fl-2008 f'sentenza kontra Malta dwar regoli ta' rikuża ta' Imħallef. Raġuni iktar u ikbar għala REPUBBLIKA hija konvinta li l-Maġistrat Lia la hija u lanqas tista' tidher li tkun imparzjali u indipendenti fil-konfront ta' REPUBBLIKA sew oġġettivament u sew soġġettivament;*

k. Hemm iktar. Ħafna iktar. Ħafna nsew, iżda REPUBBLIKA ma nsietx, li Dr Nadine Lia fit-**3 ta' Mejju 2017** ipparteċipat f'attivita' politika tal-Partit Laburista fir-Rabat, Malta u fid-diskors tagħha ħeġġet bil-qalb lill-poplu biex jivvota lill-Partit Laburista (klijent tal-kunjatu tagħha ta' dakinhar u tal-lum) u lil Joseph Muscat, il-klijent tal-kunjatu tagħha ta' dakinhar u tal-lum;

l. Fid-diskors tagħha hija qalet sentenza li meta persuna b'intelliġenza ordinarja llum tismagħha, bl-għarfien ta' dak li nafu llum dwar x'qalet u x'sabet l-Inkjesta Pilatus Bank fuq EGRANT u x'qed titlob REPUBBLIKA fil-kawża ta' challenge li hija fetħet fis-27 ta' Gunju 2022, jaqbdek il-bard;

m. Essenzjalment Dr Nadine Lia dakinhar tat-**3 ta' Mejju 2017**, waqt il-kampanja elettorali, waqt attivita' tal-Partit tal-kunjatu tagħha qalet hekk: "Żball? Isir? Iva…So what? Imbilli! Mingħajr żball ma tasalx! Kulħadd jagħmel żball….Min tgħallem isuq bla ma żbalja? L-ebda tfal ma tgħallmu jimxu jekk ma waqgħux! Il-punt mhuwiex jekk kien hemm żball, imma li wasalna! Jekk kien hemm żball, dak kien parti mill-process!!" (Vide: https://www.maltatoday.com.mt/news/election-2017/76825/watch_joseph_muscat_live_on_pjazza#.YxnPhOzRY0E fejn fis-46 minuta jibda l-intervent sublimi ta' Dr Nadine Lia);

n. Ma ninsewx: meta Dr Nadine Lia indirizzat attivita' politika fit-3 ta' Mejju 2017 kienet qed titkellem f'kuntest storiku u politiku li ħadd ma jista jmeri: il-klijent tal-kunjatu tagħha kien sejjaħ elezzjoni ġenerali 48 siegħa qabel biss (imsejħa sena qabel żmienha). U x'kienet ir-raġuni għala sejjaħha? EGRANT. Joseph Muscat huwa on record jgħid ad nauseam li l-elezzjoni ġenerali tal-2017 kellu jsejjaħha minħabba l-allegazzjonijiet fuq EGRANT dwaru u dwar martu;

o. REPUBBLIKA fis-27 ta' Gunju 2022 ġiet mistennija li tidher il-Qorti biex tkun iġġudikata mill-istess apoloġista u difensura ta'

dawk li fetħu EGRANT bil-moħbi biex jixxaħħmu minn fuq dahar ir-rikorrenti u l-poplu kollu u li minħabba EGRANT saħansitra l-klijent tal-kunjatu tagħha sejjaħ elezzjoni bikrija, u tistenna li dik l-apoloġista, illum Ġudikant, tkun imparzjali soġġettivament u oġġettivament ma' REPUBBLIKA meta REPUBBLIKA qed tgħidilha li hemm ordni ta' Maġistrat Inkwirenti ta' Marzu 2021 biex l-Inkjesta EGRANT terġa' tinfetaħ għax instabu indizji godda li żgur **m'humiex** balzmu ghal widnejn Dr Nadine Lia, Dr Pawlu Lia u Dr Joseph Muscat;

p. U x'kien għamel Joseph Muscat 72 siegħa qabel dakinhar li tkellmet Nadine Lia? Kien qabbad lill-kunjatu ta' Nadine Lia biex jiftaħlu Inkjesta Maġisterjali bit-terms of reference li ried hu biex l-Inkjesta issib ta' min ma kienetx EGRANT;

q. REPUBBLIKA tfakkar bil-qima: permezz ta' liema bank suppost sar il-ħlas ta' tixħim ta' $1 miljun għal EGRANT li minħabba fiha ssejħet malajr malajr l-elezzjoni ġenerali li fiha ħadet sehem Nadine Lia f'Mejju 2017? Permezz tal-**Bank Pilatus;**

r. Fid-digriet tagħha tas-**6 ta' Settembru 2022**, il-Maġistrat Nadine Lia, mart it-tifel tal-avukat ta' min sejjaħ l-elezzjoni ġenerali fl-2017 minħabba fih u EGRANT, ċanfret lil REPUBBLIKA. Għala? Għax skont is-Sinjura Maġistrat Dr Nadine Lia, REPUBBLIKA ma kienet qalet xejn fir-rikors promotur tagħha tas-27 ta' Gunju 2022 li l-Inkjesta Pilatus Bank kienet qalet xi ħaġa jew ordnat xi ħaġa ġdida fuq EGRANT. Mhux veru;

s. Ħaġa eminentement **falza** għax REPUBBLIKA kienet annettiet dokument mar-rikors promotur tagħha li kien traskrizzjoni fidila u awtentika tal-konklużjoni tal-Inkjesta Pubblika Pilatus Bank fejn kienet ordnat li terġa' tinfetah EGRANT;

t. B'koinċidenza biżarra li kienet tagħmel ġieħ lil Franz Kafka, il-Maġistrat Nadine Lia, li llum għandha l-obbligu li tkun u tidher li tkun imparzjali u indipendenti fil-kawza ta' REPUBBLIKA biex

jinfetħu passi kriminali in konnessjoni ma' EGRANT u l-uffiċjali tal-Bank li permezz tiegħu setgħet topera EGRANT, "insiet" jew "injorat jew "ħbiet" fatt kruċjali hafna mill-argumenti li ġabet REPUBBLIKA meta talbet ir-rikuża tagħha: il-fatt inkonfutabbli li hemm ordni ta' Maġistrat Inkwirenti fl-2021 biex terġa' tinfetaħ investigazzjoni dwar EGRANT għax instab stratagemma li bih seta' sar il-ħabi tal-ħlas tat-tixħim ta' $1 miljun;

u. Kumbinazzjoni l-istess EGRANT li kienet wasslet biex Nadine Lia fit-3 ta' Mejju 2017 tkellmet fl-attivita' tal-Partit tal-kunjatu tagħha u li emfasizzat fiha li EGRANT (għax **dik** kienet it-tema u kaġun ewlieni għas-sejħa tal-elezzjoni ġenerali tal-2017) kienet "żball" li kulħadd kellu jinsa u jiġġustifika għax inkella ma nikbrux u ma nimxux. U REPUBBLIKA llum hija mistennija jkollha smigħ xieraq minn Qorti imparzjali u indipendenti (oġġettivament u soġġettivament) minn Maġistrat li kienet għamlet appell pubbliku waqt kampanja elettorali biex tiddefendi u tnessi EGRANT fl-2017, 72 siegħa biss wara li l-kunjatu tagħha ta' dakinhar u tal-lum fetaħ Inkjesta biex ma toħroġx il-verita' fuq EGRANT;

v. REPUBBLIKA għalhekk hija ġustifikata tilmaħ ċertu akkaniment mhux normali, stramb u perikoluż mill-Maġistrat Nadine Lia meta hija ċaħdet it-talbiet tar-rikuża tagħha f'din il-kawża. Il-Maġistrat Lia li fid-digriet tagħha tas-6 ta' Septembru 2022 riedet deliberatament taħbi u tnessi dak li REPUBBLIKA żvelat **<u>bil-gurament</u>** fuq x'instab ġdid fuq EGRANT fl-2021. L-istess bħalma l-kunjatu tagħha fl-1 ta' Mejju 2017 kien fetaħ Inkjesta Maġisterjali dwar EGRANT (l-istess Inkjesta li s-sena l-oħra REPUBBLIKA saret taf li kienet monka u mhux kompluta) biex jaħbi ta' min kienet jew għal min kienet intenzjonata EGRANT biex tirċievi tal-anqas $1 miljun f'tixħim. Jaħbi min għandu x'jaħbi. Iktar u iktar meta l-Maġistrat Dr Lia assolutament ma riditx tħalli lill-kunjatu tagħha jixhed quddiemha kif talbet REPUBBLIKA u

meta wieħed jara li l-Maġistrat Dr Lia irrappurtat ċertu dikjarazzjonijiet fid-digriet tagħha tas-6 ta' Septembru 2022 **<u>li</u>** **<u>zgur ma ġewx minn REPUBBLIKA</u>**, wieħed jasal għall-konklużjoni li m'hemmx mod iehor kif tiġi deskritta: **sitwazzjoni tal-biża', bla preċedent u gravi**. Għax iqum id-dubbju raġjonevoli li Dr Pawlu Lia kellu sehem fid-digrieti ta' ċaħda ta' rikuża da parti tal-mara tat-tifel tiegħu. Konklużjoni li anke meta qed tinkiteb f'din is-sottomissjoni legali, iġġiegħel l-idejn jirtogħdu bl-implikazzjonijiet;

w. Finalment, hemm punt li jnissel dehxa ma' dahar kull min jaqra d-digriet tal-Maġistrat Dr Lia tas-6 ta' Settembru 2022 li REPUBBLIKA jeħtiġilha ġġib ghall-attenzjoni ġentili ta' din l-Onor. Qorti: li l-Maġistrat Dr Lia għal darba, darbtejn, tlieta għamlet minn kollox biex twassal lin-Nutar Robert Aquilina biex jikxef is-sorsi tiegħu li grazzi għalihom sar jaf bl-eżitu tal-Inkjesta Maġisterjali Pilatus Bank;

x. Din m'hu xejn hlief indikazzjoni, f'għajnejn REPUBBLIKA, tan-nuqqas assolut ta' imparzjalita' oġġettiva u soġġettiva tal-Maġistrat Dr Lia fil-konfront ta' REPUBBLIKA, jekk mhijiex addirittura mala fede. Minflok il-Maġistrat Lia ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali biex jgħidulha jekk hux veru dak li kien issottomettilha bil-ġurament tiegħu n-Nutar Aquilina qua President ta' REPUBBLIKA, x'għamlet? Dawret il-kanuni fuq REPUBBLIKA u l-ewwel qalet li dak li qal Robert Aquilina kien "diċeriji jew asserzjonijiet gratuwiti". Meta mbagħad Aquilina wieġeb billi wera li huwa għandu l-provi iswed fuq l-abjad, il-Maġistrat Lia staqsiet lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Ġenerali biex jgħidulha jekk huma qattx għaddew xi kopja tal-Inkjesta Pilatus Bank lil REPUBBLIKA. U dawn ovvjament qalulha li le, minflok qalulha li dak li qal Robert Aquilina kien fatt veru (kieku dak li qal Aquilina ma kienx minnu kien ifisser li

Aquilina jkun ikkommetta tal-anqas żewġ delitti maġġuri li kellu jwassal biex il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali jarrestawh u jressquh il-Qorti b'arrest). Il-fatt li l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ma tawx kopja tal-Inkjesta Maġisterjali lil Robert Aquilina bl-ebda mod ma jfisser li Robert Aquilina ma rax jew ma ngħatax kopja tal-imsemmija Inkjesta jew ta' parti/jiet minnha;

y. Għalhekk fit-tielet darba x'għamlet il-Maġistrat Dr Lia, wara li Robert Aquilina ippreżentalha traskrizzjoni verbatim ta' estratt mill-konkluzjoni tal-Inkjesta Maġisterjali Pilatus Bank li neħħa kull dubbju li seta' kien hemm li ma kellux il-provi u li kien qed jgħid il-verita'? Fis-6 ta' Settembru 2022 qalet li hemm dubbju fuq l-awtentiċita' tal-prova li ġab Aquilina għax kienet miktuba b'idejh, minkejja li kienet awtentikata minnu bħala Nutar Pubbliku u ġuramentata!

z. Fi kliem ieħor, il-Maġistrat Lia kieku vera kellha d-dubbju ġenwin li n-Nutar Aquilina seta' ippreżenta dokument falz, loġikament kienet tordna li jiġi investigat għal falz ideoloġiku u falsikfikazzjoni ta' att pubbliku, apparti reati oħra. Imma għażlet li tnessi li huwa għandu l-awtorita' legali li jattribwixxi public faith lil dokumenti, liema awtorita' tahielu l-Istat Malti. Saħansitra implikat li jekk Robert Aquilina akkwista l-evidenza permezz ta' leak, allura ma kinitx ser tħares lejha!

aa. Hekk jimxi u jaġixxi Maġistrat li jrid jidher li hu imparzjali, issaqsi bil-qima REPUBBLIKA? Hekk kien jimxi Maġistrat onest u imparzjali li jrid jiskopri l-verita', flok jidher li qed jikkolludi ma' min għandu interess li ma jitressqux ċertu nies il-Qorti?

d. S'issa REPUBBLIKA elenkat xejn anqas minn 12-il raġuni ta' rikuża. Din hija t-13-il waħda issa: il-ksur lampanti tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ġudikatura Maltija, senjatament il-**paragrafu 23** tiegħu bid-deċiżjoni ta' ċaħda ta' rikuża:

> "Members of the Judiciary shall not preside over a case in which they know there exists any one of the reasons for being challenged as provided for in the Code of Organization and Civil Procedure **or where there exists a manifest danger or prejudice to fair hearing: in all other cases they are bound not to abstain from their duty**."

Forsi REPUBBLIKA ha tkun mixlija li qed tgħid l-ovvju, imma peress li l-andament tal-affarijiet quddiem il-Maġistrat Nadine Lia ħadu ċertu perkors u żvolta, issa anke l-ovvju jeħtieġ jiġi mistqarr.

REPUBBLIKA tissottometti li l-**Kodiċi ta' Etika** tal-Ġudikatura Maltija jimponi fuq il-Maġistrat Lia **oneru ikbar u usa** mil-Liġi. Anke jekk, għall-grazzja tal-argument **biss** b'xi tiġbid fantastiku tal-immaġinazzjoni jingħad li ebda waħda mid-disposizzjonijiet tal-Kap.12 dwar rikużi u dawk tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-artiklu 6 li ma japplikawx f'dan il-każ, żgur li ċertament il-Kodiċi ta' Etika japplika. Inkella x'Kodiċi jkun? Inkella għalfejn ġie miktub u ppubblikat mill-Ġudikatura Maltija? Inkella għalfejn il-membri tal-Ġudikatura jieħdu ġurament li josservawh?

REPUBBLIKA umilment tfakkar li tali Kodiċi ta' Etika ġie emendat u ppubblikat **wara** s-sentenza seminali tal-Qorti ta' Strasbourg f'**Micallef v Malta (Application no. 17056/06 deciza fl-2008**). F'dik is-sentenza intqalet il-famuża frażi mill-Imħallef Giovanni Bonello "this blissful all-in-the-family jamboree, in lighter moments sometimes called administration of justice."

REPUBBLIKA tissottometti li l-elenku tal-fatti, tal-bias, tal-preġudizzju muri mill-Maġistrat Dr Nadine Lia fid-digrieti ta' ċaħdiet ta' rikuża f'dan il-każ u sija l-isfond tal-fatti antecedenti għall-kawza (speċjalment l-interessi tal-klijenti tal-kunjatu tagħha fil-prosekuzzjoni naxxenti mill-Inkjesta Pilatus Bank u minħabba d-difiża koċċuta u pubblika tagħha waqt attivita' tal-klijent tal-kunjatu tagħha proprju dwar l-"iżball" EGRANT u sija l-messaġġ li l-kunjatu tal-Maġistrat Lia wassal lin-Nutar Robert Aquilina għan-nom tal-familja Lia proprju minħabba t-talba ta' rikuża) juri bla dubbju li hemm "a manifest danger or prejudice to fair hearing".

REPUBBLIKA hija konvinta li meta l-kunjatu tal-Maġistrat Dr Nadine Lia mar ifittex lin-Nutar Robert Aquilina fid-29 ta' Lulju 2022 ġewwa l-Belt Valletta, rah, qasam it-triq u għal diversi minuti sfoga r-rabja tiegħu miegħu u qallu "Ahna xi darba għamilnielek xi ħaġa?...Il-familja tagħna ħalliha bi kwietha" ma kien xejn ħlief messaġġ għan-nom tal-Maġistrat Dr Nadine Lia u kien b'reazzjoni għall-editorjal tal-Malta Independent ta' dak il-jum (https://www.independent.com.mt/articles/2022-07-29/newspaper-leader/TMID-Editorial-Four-months-to-hear-an-urgent-case-efficient-indeed-6736244830) li kien proprju dwar il-fatt li REPUBBLIKA kienet għadha kemm talbet ir-rikuża tal-Maġistrat Dr Lia minħabba l-parentela tagħha ma' Dr Pawlu Lia.

Iva, REPUBBLIKA temmen li f'dan il-każ hemm "a blissful all-in-the-family-jamboree" fejn l-interessi tal-kunjatu tal-Maġistrat Nadine Lia, tal-klijenti tal-kunjatu tagħha, ta' żewġha u tagħha jitwaħħdu, jingħaġnu u jsiru ħaġa waħda;

e. Għalhekk issa fis-27 ta' Ottubru 2022 il-Maġistrat Nadine Lia ser tippresjedi s-smigħ tal-provi fil-kawża ta' challenge li REPUBBLIKA ressqet fis-27 ta' Gunju 2022, **sakemm** din il-Qorti ma tilqax it-talbiet umli izda **urġenti** li ser tagħmel REPUBBLIKA f'dan ir-rikors;

f. REPUBBLIKA temmen li r-rifjut tal-Maġistrat Dr Lia li tirrikuża ruħha (l-istess Maġistrat li kienet irrikużat ruħha milli tippresjedi fuq Inkjesta Maġisterjali dwar il-phantom job tal-middleman Melvin Theuma fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia għax kienet qalet fid-digriet tagħha dakinhar li l-parentela tagħha mal-avukat Pawlu Lia ma kinitx tippermetti li l-ġustizzja tidher li ħa ssir) f'din il-kawża ta' challenge qed jikser u ser ikompli jikser id-drittijiet fondamentali tagħha li tidher quddiem Qorti imparzjali, sija soġġettivament u sija oġġettivament, u fl-istess ħin l-artiklu tal-Liġi li jippermetti lill-Ġudikant li quddiemu ssir talba ta' rikuża biex tali talba jiddeċidiha huwa stess, waħdu u bla ebda appell, qed jikser b'mod sfaċċat il-prinċipju tal-ġustizzja naturali li ebda mħallef ma għandu jiddeċiedi l-kawża tiegħu stess;

g. REPUBBLIKA hija konfortata b'dan li qed tgħid sija minn diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-implikazzjonijiet tal-prinċipju li nemo iudex in causa propria u li l-Ġustizzja trid tidher li qed issir minn Qorti imparzjali, sija minn sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali tagħna u sija minn Liġijiet f'pajjiżi moderni oħra, bħall-Italja u diversi Stati fl-iStati Uniti tal-Amerika, fejn deċiżjoni dwar rikuża: a) ma tittiħidx mill-istess Ġudikant imma minn Qorti differenti u separata u b) tkun dejjem soġġetta għal appell. Fil-każ tal-Kap.12 tagħna, id-deċiżjoni tittieħed mill-istess Maġistrat/Imħallef li r-rikuża tiegħu qed tintalab u m'hemm ebda appell minn deċiżjoni ta' ċaħda ta' rikuża;
Kif qatt il-bniedem jista' jkun oġġettiv dwaru meta huwa stess s-suġġett?

h. REPUBBLIKA tissottometti, bħala eżempju wieħed biss qabel ma tibda din il-kawża, li la l-Qorti Kostituzzjonali tagħna fl-2018[1] sabet favur it-talba ta' rikuża tal-GWU għax l-Imħallef kienet tiġi sempliċement oħt senior partner

[1] **General Workers Union vs AG et** (14.12.2018, Rikors numru 33/2017/1JZM) per Qorti Kostituzzjonali. F'dik il-kawża, il-Qorti Kostituzzjonali għal darba darbtejn qalet li la dik il-kawża kienet ta' natura politika, mela allura l-prinċipju li l-ġustizzja tidher li qed issir kellu jkun observat b'mod iktar skrupluż. Mela aktar f'din il-kawża ta' challenge ta' REPUBBLIKA l-vertenza hija ta' natura politika!

*fid-ditta legali li tagħha l-avukat li kien qed jippatroċina lill-atturi kien membru (u dan meta ħu l-Imħallef sedenti ma kellu **xejn** x'jaqsam mal-kawża quddiem dik l-Imħallef), allura kemm aktar u aktar **f'dan** il-każ meta l-kunjatu tal-Maġistrat Lia kien l-avukat tal-persuni involuti direttament fl-operat tal-Pilatus Bank u li ġew indizjati mill-Maġistrat Inkwirenti fl-2021 fuq ħasil ta' flus u kien l-avukat li irrediġa t-terms of reference tal-Inkjesta EGRANT li r-rikorrenti wrew li jafu u għandhom il-provi iswed fuq l-abjad li hemm ordni mill-Inkjesta Pilatus Bank biex terġa' tinfetaħ mill-ġdid fuq trasferiment ta' ħlas ta' tixħim ta' $1 miljun?*

i. *Huwa għalhekk li REPUBBLIKA ġiet kostretta tintavola dan ir-rikors kostituzzjonali b'ċertu **urġenza** għax huwa l-unika rimedju li hija għandha biex tara li d-dritt tagħha li tidher u li l-kawża tagħha tinstema' u tkun deċiża minn Qorti tassew imparzjali ġie miksur, qed jiġi miksur u ser jibqa' jigi miksur dment u sakemm il-Maġistrat Dr Lia tibqa' tippersisti li tiċħad it-talba ta' rikuża li qed tressaq REPUBBLIKA u dment u sakemm il-Kap.12 jibqa' jippermetti li r-rikuża trid tiġi deċiża mill-istess Maġistrat jew Imħallef li r-rikuża tiegħu/tagħha tintalab u bla ebda forum ta' appell għal REPUBBLIKA minn tali deċiżjoni ta' ċaħda ta' rikuża;*

j. *Finalment, REPUBBLIKA umilment tagħmel referenza għal dan l-artiklu https://www.apa.org/monitor/2010/02/jn tal-**Amerikcan Psychological Association** tal-2010, fejn wara s-sentenza seminali tal-Qorti Suprema Amerikana ta' Ġunju 2009 fl-ismijiet **Caperton v. A.T. Massey Coal Co. Inc. (129 S.Ct. 2252)**, inkiteb hekk:*

> *"**Caperton** raises a number of interesting questions for psychologists.*
>
> *First, **it highlights the limitations inherent in judging one's own biases**.*

*Psychologists have shown that individuals experience an illusion of objectivity:*

*People believe they are objective (Pyszczynski and Greenberg, 1987), see themselves as more ethical and fair than others (Messick et al., 1985), and experience a "bias blind spot," the tendency to see bias in others but not in themselves (Pronin et al., 2004). As noted by Judge Richard A. Posner in his book "How Judges Think" (Harvard University Press, 2008), "We use introspection to acquit ourselves of accusations of bias, while using realistic notions of human behavior to identify bias in others." These tendencies make it difficult for judges to identify their own biases. Similar problems arise when judges rely on jurors to evaluate whether they can set aside their biases and judge a case on its merits (Rose and Diamond, 2008).*

*Second, the Supreme Court in* **Caperton** *did not inquire into whether Benjamin was biased.*

*The court said, "Due process 'may sometimes bar trial judges who have no actual bias and who would do their very best to weigh the scales of justice equally between contending parties.'" Instead,* ***it is the appearance of justice that matters****."*

3. Għaldaqstant REPUBBLIKA talbet lil din il-Qorti sabiex, **urgentement**, wara li tisma' x-xhieda tax-xhieda prodotti minn REPUBBLIKA u wara li tifli l-inkartament tal-proċess tiddikjara:

i) *illi bid-deċiżjonijiet tagħha fejn ċaħdet it-tliet talbiet ta' rikuża li sarulha minn REPUBBLIKA, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Dr Nadine Lia fil-kawża ta' sfida li ressqet REPUBBLIKA fis-27 ta' Ġunju 2022, l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) kisret, qed tikser u ser tikser id-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jekk tibqa' tippresjedi din il-kawza l-Maġistrat Nadine Lia;*

ii) *Li l-Art.738(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leżiv tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq li REPUBBLIKA għandha tgawdi u għandha frott il-Kostituzzjoni ta' Malta (art. 39) u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (art. 6) għax jiddemolixxi, jeqred u jfarrak l-aforiżma nemo iudex in causa propria;*

iii) *preventivament jogħġobha tordna li* ***a)*** *jew li dan ir-rikors kostituzzjonali jkun deċiż b'mod urġenti u immedjat* ***qabel*** *is-27 t'Ottubru 2022 stante li l-Maġistrat Nadine Lia appuntat id-data tas-27 t'Ottubru 2022 biex dakinhar tibda tisma' l-isfida li ressqet REPUBBLIKA,* ***jew alternattivament b)*** *jogħġobha toħroġ b'urġenza ordni interim lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża msemmija* ***REPUBBLIKA vs Kummissarju tal-Pulizija*** *sabiex iżżomm u twaqqaf lill-Maġistrat Dr Nadine Lia milli żżomm seduti jew tagħti ordnijiet in konnessjoni ma' din il-kawża ta' challenge li REPUBBLIKA ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-27 ta' Gunju 2022 skont l-art. 541 tal-Kap.9, peress li altrimenti jiġi fix-xejn l-iskop ta' dan ir-rikors kostituzzjonali u allura konsegwentement tagħti dawk ir-rimedji kollha neċessarji sabiex ma tħallix li d-dritt fondamentali għal smigħ xieraq li REPUBBLIKA għandha, jibqa' jinkiser u ma jiġix miksur;*

iv) *U tordna li l-kawża ta' challenge imressqa minn REPUBBLIKA kontra l-Kummissarju tal-Pulizija għandha tiġi immedjatament assenjata lil Maġistrat ieħor/oħra sabiex jibda s-smigħ tal-provi quddiem Qorti li tkun imparzjali sew fuq livell oġġettiv u sew fuq livell suġġettiv;*

*v) Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq quddiem Qorti imparzjali u indipendenti, inkluż li tillikwida kumpens għad-danni sofferti mir-rikorrenti għall-ksur tad-dritt fundamentali tagħha ta' smigħ xieraq;*

*vi) U tordna lill-intimat iħallas il-kumpens hekk likwidat;*

Bl-ispejjeż;

4. Permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta nhar it-tnax (12) ta' Settembru 2022, il-kawża ġiet appuntata għat-tnax (12) t'Ottubru 2022, u wara rikors tal-għaqda rikorrenti b'talba għal differiment, rikjamata għas-sebgħa (7) t'Ottubru 2022;

5. Permezz ta' risposta preżentata nhar l-erbgħa (4) t'Ottubru 2022, l-**<u>Avukat tal-Istat</u>** eċċepixxa:

   a. *Illi preliminarjament, jonqos l-interess ġuridiku u victim status tal-għaqda rikorrenti sabiex tippromwovi din il-proċedura, b'dan illi konsegwentement ma jistax ikun li ġew leżi jew ser jiġu leżi drittijiet fundamentali kif pretiżi mir-rikorrenti;*

   b. *Illi preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għall-premess, la l-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u lanqas l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** ma huma applikabbli għall-każ de quo agitur – ir-rikorrenti mhix akkużata b'reat u lanqas ma huma se jiġu determinati drittijiet ċivili tagħha;*

   c. *Illi in vena preliminari wkoll, ikun għaqli li l-Kummissarju tal-Pulizija jkun imsejjaħ f'din l-azzjoni f'ġieħ l-integrita` tal-ġudizzju ġjaladarba kwalunkwe*

deċiżjoni li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tieħu ser tolqot lill-imsemmi Kummissarju tal-Pulizija fl-eżitu tal-proċeduri ta' Sfida;

d. Illi għandu jirriżulta ċar minn sempliċi qari tar-rikors promotur li dak li qed tittenta tagħmel ir-rikorrenti m'huwa xejn għajr eżerċizzju ta' *forum shopping*, li m'għandux jiġi tollerat ġjaladarba huwa abbuż tal-iter ġudizzjarju. Huwa b'dispjaċir li l-esponenti jinnota li fil-mori ta' din il-kawża, il-kwistjoni imqanqla mir-rikorrenti eskalat bla bżonn f'attakk personali kontra l-istess ġudikant, u li saħansitra (oltre għall-proċeduri odjerni) ir-rikorrenti rrappurtat lill-Maġistrat Lia quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. B'hekk, ir-rikorrenti qed turi li jekk ma tgħaddix mill-bieb se tgħaddi mit-tieqa – atitudni li m'għandhiex tkun tollerata, u li effettivament tikkostitwixxi attakk sfrenat fuq il-ġudikatura;

i. Illi hawnhekk tajjeb li jiġi mfakkar ukoll li fil-mori tal-proċeduri ta' Sfida in kwistjoni u fl-eqqel tal-propaganda medjatika kontra l-Maġistrat Lia[2], il-Maġistrat Lia ġiet mhedda <u>anonimament</u>[3] sabiex twarrab milli tisma' u tiddeċiedi proprju dawk il-proċeduri. Din it-theddida ċarament hija intiża sabiex tinfluwixxi fuq is-serenita` li biha ġudikant għandu jitħalla jaqdi l-funzjoni delikata tiegħu – attentat deplorevoli li m'għandu qatt jiġi permess f'pajjiż demokratiku li jħaddan il-prinċipji tal-ġustizzja u tas-saltna tad-dritt;

e. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-Onorabbli Qorti għandha twarrab u tiddeklina milli tieħu konjizzjoni tar-raġunijiet <u>ġodda</u> li jissemmew fil-paragrafi 23 u 24 tar-rikors promotur ġjaladarba dawn ir-raġunijiet qatt

---

[2] Ara l-*link* tal-*video* promozzjonali mxerred mill-għaqda rikorrenti sabiex jgħin fit-trawwim tan-narrattiva li l-Maġistrat Nadine Lia mhix idonea sabiex tisma u tiddeċiedi l-proċeduri ta' Sfida li għandha quddiemha: https://www.youtube.com/watch?v=itsmw0Wq45c (*Link* meħud minn fuq il-*Youtube page* tal-għaqda rikorrenti);

[3] L-esponent qiegħed formalment jabbraċċja l-istqarrija tal-Kamra tal-Avukati fejn ikkundannat mingħajr riżervi t-theddid indirizzat lejn il-Maġistrati Nadine Lia fil-kors tal-qadi ta' dmirijietha: <u>https://www.avukati.org/2022/09/16/statement-by-the-chamber-of-advocates-4/</u>;

*ma tressqu għall-għarbiel quddiem il-Maġistrat Lia bħala bażi għar-rikuża tagħha – Dan m'huwa xejn għajr abbuż flagranti tal-proċeduri odjerni.*

i. *Illi fi kwalunkwe każ, u jekk għall-grazzja tal-argument biss din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li xorta waħda għandha tikkunsidra dawn ir-raġunijiet ġodda, dawn l-imsemmija raġunijiet (oltre għall-bqija tar-raġunijiet imsemmija fir-rikors promotur) huma mifnija b'ħemel ta' supposizzjonijiet imġebbda, asserzjonijiet fl-astratt u konklużjonijiet gratwiti li bl-ebda mod ma jistgħu ikunu ammessi bħala raġunijiet validi għar-rikuża tal-Maġistrat Nadine Lia;*

f. Illi fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess għaqda rikorrenti;

g. Illi l-indipendenza u l-imparzjalita` ta' ġudikant hija preżunta salv għal prova kuntrarja. Ladarba persuna tinħatar bħala ġudikant, dik il-persuna tibqa' preżunta bħala imparzjali, u li sejra taġixxi b'imparzjalita` dejjem. Tant hu hekk illi skont l-**artikolu 101 tal-Kostituzzjoni**, Imħallef m'għandux jidħol għad-dmirijiet tal-kariga tiegħu sakemm ma jkunx ħa u ffirma l-ġurament ta' lealta`;

h. Illi magħdud ma' dan, l-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni tal-ġudikant huwa msejjes fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu jitressaq każ huwa imparzjali u li huwa d-dmir tiegħu (mhux sempliċi privileġġ jew favur) li jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu;

i. Illi għalhekk huwa l-oneru tar-rikorrenti li tipprova kwalunkwe allegazzjoni ta' parzjalita` oġġettiva u/jew suġġettiva, liema prova trid tkun fil-konkret u mhux fl-astratt, u l-fattur li għandu jagħti lok għal dubbju leġittimu dwar l-imparzjalita` tal-ġudikant għandu jkun wieħed gravi;

j. Illi l-lanjanza kostituzzjonali li għandna quddiemna tirrigwarda **<u>proċedura ta' Sfida lill-Kummissarju tal-Pulizija</u>** li ġiet assenjata lill-Onorevoli Maġistrat Nadine Lia. Kwalunkwe relazzjoni u/jew parentela li l-Maġistrat Lia jista' jkollha ma' membri tal-Avukatura ma timpinġi bl-ebda mod fuq dawn il-proċeduri ta' Sfida taħt eżami. <u>Il-proċedura ta' Sfida mhux intiża sabiex tiftaħ indaġini lil hinn mir-rapport, denunzja jew kwerela</u>. Il-persuni kollha msemmija fir-rikors promotur ma jirrafigurawx f'din il-proċedura ta' Sfida li hija biss bejn ir-rikorrenti, u l-Kummissarju tal-Pulizija. Anke għal din ir-raġuni, il-Maġistrat Nadine Lia kellha raġun tiċħad it-talbiet għar-rikuża tagħha, li fl-umli fehma tal-esponent l-imsemmija talbiet kienu intempestivi u irriti. Sempliċiment għaliex talba għal rikuża tkun miċħuda, ma jfissirx li b'daqshekk il-ġudikant ikun parzjali u/jew ikun qed juri "ċertu akkaniment mhux normali, stramb u perikoluż";

k. Illi magħdud ma' dan, l-investigazzjoni ġudizzjarja li għandha tintraprendi l-Maġistrat fil-proċedura ta' Sfida hija waħda purament ta' stħarriġ ġudizzjarju. Din il-proċedura hija limitata esklussivament dwar jekk il-Kummissarju tal-Pulizija għandux ġustifikazzjoni aċċettabli legalment talli għadu ma ressaqx lill-persuni indikati mir-rikorrenti fl-iSfida, jew jekk għandhiex raġun ir-rikorrenti tilmenta dwar il-fatt li dawk il-persuni għadhom ma tressqux quddiem Qorti, u <u>xejn iktar</u>. Għalhekk il-garanziji li għalihom jaħsbu l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** u l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** mhumiex applikabbli għal proċeduri ta' Sfida, bħalma wara kollox m'humiex applikabbli għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja u quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti;

l. Illi effettivament, meta wieħed iħares lejn l-**Artikolu 368(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta** flimkien mal-**Artikolu 734(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta**, ma jikkonkorrux l-elementi skond il-Liġi sabiex il-Maġistrat tkun rikużata;

m. Illi magħdud ma' dan, fir-rigward ta**l-ewwel talba**, u bil-konsapevolezza wkoll li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem wessgħet meta għandha ssir rikuża ta' ġudikant, xorta waħda ma għandha tirriżulta ebda leżjoni ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrenti imbilli l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) kif preseduta mill-Maġistrat Nadine Lia, ċaħdet tlett talbiet għar-rikuża tagħha;

n. Illi huwa ċar illi l-għan ta' din il-kawża huwa li jkun hemm forma t'appell mid-Digrieti tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, li huwa irritu u m'għandux ikun permess;

o. Illi fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din it-talba hija wkoll <u>intempestiva u bikrija</u> ġjaladarba sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm effettivament smiegħ xieraq, jeħtieg li l-procedura ta' Sfida titqies fl-intier tagħha u fl-umli fehma tal-esponent, il-fatt li talbiet għal rikuża ġew miċħuda mhux fatt gravi biżżejjed sabiex jiġi imputat nuqqas ta' smiegħ xieraq minn stadju daqshekk bikri, meta l-kawża ta' sfida lanqas għadha biss bdiet;

p. Illi fir-rigward tat-**tieni talba**, mhux minnu illi l-**Artikolu 738(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta** jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti bil-mod kif impostat fit-talba, ossia li "jiddemolixxi, jeqred u jfarrak l-aforizma nemo iudex in causa propria". Il-prinċipju hawn imsemmi jiggarantixxi li l-ġudikant m'għandux jippresjedi kawża illi jkollu interess fl-eżitu tagħha. Fil-proċeduri ta' Sifda taħt eżami, għandu joħroġ bid-dieher illi l-Maġistrat illi qed tippresjedi din il-proċedura ta' sfida m'għandha l-ebda interess personali fl-eżitu tagħha, la dirett u lanqas indirett. Id-digrieti li tat il-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tat-talbiet għar-rikuża kienu ta' natura proċedurali li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-mertu tal-kawża pendenti quddiem l-istess Qorti;

i. Illi b'żieda ma' dan, safejn ir-rikorrenti tilmenta li ma kellhiex dritt għal appell mid-digriet dwar it-talbiet għar-rikuża tal-ġudikant, hija ġurisprudenza

stabbilita, anki mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, illi d-dritt għal smigħ xieraq ma jiggarantix illi jkun hemm appell minn kwalunkwe deċiżjoni jew digriet ta' Qorti;

q. Illi apparti minn hekk, għalkemm ir-rikorrenti ma kellhiex dritt tappella id-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati, ir-rikorrenti kellha xorta waħda l-opportunità illi titlob lill-Qorti sabiex tirrikonsidra d-digrieti tagħha, u dan ai termini tal-**artikolu 229(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għaldaqstant, ġialadarba huma ma wżawx ir-rimedji disponibbli għalihom, jiġi illi huma aċċettaw l-istess provvedimenti, biex b'hekk ma jistgħux issa jilmentaw dwarhom;

r. Illi fir-rigward tat-**tielet talba**, m'hemmx l-elementi u r-rekwiżiti meħtieġa sabiex din it-talba tintlaqa'. Din it-talba se tiġi ttrattata separatament, kif ordnat diga` dina l-Onorabbli Qorti fid-Digriet tagħha tal-15 ta' Settembru 2022;

s. Illi fir-rigward tar-**raba', il-ħames u s-sitt talba** tar-rikorrenti, dawn għandhom jiġu miċħuda stante li huma konsegwenzjali għall-ewwel żewg talbiet, li kif diġa` eċċepit, għandhom jiġu miċħuda;

t. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel u/jew it-tieni talba, u għalhekk tikkunsidra r-raba', l-ħames u s-sitt talba, jiġi eċċepit illi r-rimedju għal-lanjanza tar-rikorrenti jkun effettivament dak kontenut fir-raba` talba, u għaldaqstant ma jkunx hemm lok li r-rikorrenti tingħata rimedju ieħor;

u. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjeż.

6. **B'assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta mill-Uffiċċju tal-Prim Imħallef nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2022, wara l-astensjoni tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey**

permezz ta' digriet mogħti nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t'Ottubru 2022, din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

**Il-Qorti**

7. Ħadet konjizzjoni tar-rikors kostituzzjonali, tar-risposta u tal-atti kollha illi ġew preżentati u esebiti quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta qabel il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2022;

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Dr Rebecca Gorrieri**, u tan-**Nutar Dr Robert Aquilina** u rat id-dokumenti esebiti min-Nutar Aquilina u mmarkati **Dok RA1 sa Dok RA11** waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Diċembru 2022;

9. Rat illi waqt l-istess seduta, l-għaqda rikorrenti ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq;

10. Semgħet ix-xhieda tas-**Supretendent Sandro Camilleri, Lorianne Spiteri** u **Dottor Pawlu Lia** waqt is-seduta tal-ħamsa (5) ta' Diċembru 2022, u rat in-nota ppreżentata mill-Avukat tal-Istat u ħmistax-il dokument anness;

11. Rat illi waqt l-istess seduta, l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi xi jressaq;

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-għaqda rikorrenti, ippreżentata nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru 2022;

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat, ippreżentata nhar it-tletin (30) ta' Diċembru 2022;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

15. L-għaqda rikorrenti qed tikkontendi illi d-deċiżjoni tal-Maġistrat Dr Nadine Lia sabiex tirrikuża ruħha mill-proċeduri ***REPUBBLIKA vs Kummissarju tal-Pulizija***, kif ukoll l-Artikolu 738(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jilledu d-dritt fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kif kontemplat mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, illi jgħid:

> *(2) Kull qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*

u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, illi jgħid:

> *In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law. Judgement shall be pronounced publicly but the press and public may be excluded from all or part of the trial in the interests of morals, public order or national security in a democratic society, where the interests of juveniles or the protection of the private life of the parties so require, or to the extent strictly necessary in the opinion of the court in special circumstances where publicity would prejudice the interests of justice.*

**Nuqqas ta' "Victim Status" tal-Għaqda Rikorrenti, u l-Applikabilita' tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-każ odjern**

16. Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi illi jonqos l-interess ġuridiku u l-*victim status* tal-għaqda rikorrenti sabiex tippromwovi l-proċedura odjerna. L-Avukat tal-Istat jissottometti illi l-proċeduri illi dwarhom saret il-kawża odjerna huma proċeduri ta' sfida, fejn l-għaqda rikorrenti: (i) kienet estranea għal kollox mill-inkjesta li a bażi tagħha ġiet formolata n-*notitia criminis*; (ii) mhix persuna suspettata jew akkużata; u (iii) la hi *parte civile* u wisq inqas ma hi parti offesa. Għaldaqstant, in konsiderazzjoni tal-fatt illi r-rikorrenti ma hi involuta bl-ebda mod, u bl-ebda mod ma jista jingħad li l-proċeduri ta' sfida sejrin jaffettwaw b'xi mod jew ieħor lir-rikorrenti, la issa u lanqas fil-futur, ir-rikorrenti ma tistax titqies illi għandha *victim status*, u l-lanjanzi tagħha għandhom ikunu lkoll miċħuda;

17. In sostenn tal-argument tiegħu, l-Avukat tal-Istat jagħmel referenza, fost l-oħrajn, għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Onor Simon Busuttil vs L-Avukat Ġenerali et***[4], illi fiha l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat illi r-rikorrent ma kellux il-*victim status* rikjest sabiex tirnexxi azzjoni simili għal dik odjerna. Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet illi, *"il-fatt li l-attur għandu interess li jkun parti fil-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali taħt l-art. 546 (4B) tal-Kodiċi Kriminali ma jfissirx illi f'dawk il-proċeduri sejra tittieħed deċiżjoni fuq akkuża kriminali kontra l-attur jew li sejra tingħata deċiżjoni fuq id-drittijiet ċivili tiegħu, jew illi sejra ssir xi ħaġa li tista' 'l quddiem tolqot deċiżjoni bħal dawk; għalhekk ma hemmx il-kondizzjonijiet meħtieġa biex ikun leġittimat iressaq ilment dwar nuqqas ta' smigħ xieraq"*[5];

---

[4] Rik Kostit Nru 86/2017, Qorti Kostituzzjonali, 29 t'Ottubru 2018
[5] Ibid, para 22

18. Mill-banda l-oħra, l-għaqda rikorrenti ssostni illi ġialadarba l-liġi tipprovdi jedd ta' aċċess għall-Qorti tal-Maġistrati fl-Artikolu 541 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, allura huwa loġiku illi l-Qorti illi tippresjedi l-proċeduri fit-termini tal-Artikolu 541 tal-Kap 9 tkun imparzjali u indipendenti;

19. In sostenn tal-argument tagħha, l-għaqda rikorrenti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Arnold Cassola vs L-Avukat tal-Istat***[6] u għal dik mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***Avukat Dr Anna Mallia vs Il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura et***[7]. Filwaqt illi huwa minnu illi f'dawn iż-żewġ sentenzi ġiet estiża d-definizzjoni ta' *victim status* hekk kif sottomess mill-għaqda rikorrenti, din il-Qorti hija tal-fehma illi ftit tista' l-għaqda rikorrenti ssib konfort f'dawn iż-żewġ deċiżjonijiet, u dan stante illi ċ-ċirkostanzi f'dawn il-kawżi kienu differenti ferm minn dawk tal-kawża odjerna. F'***Cassola***, il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat illi Cassola kellu kull dritt illi jilmenta kontra l-proċedura tal-*co-option* fl-elezzjonijiet ġenerali kontemplata mill-Artikolu 52A tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u cioe kellu *victim status*, u dan bħala (i) kandidat individwali, (ii) kandidat li jixtieq jissieħeb ma' persuni oħra biex jikkontestaw flimkien elezzjoni ġenerali, u (iii) votant. F'***Mallia***, imbagħad, din il-Qorti kif diversement presjeduta kkonkludiet illi r-rikorrenti kellha *victim status* għaliex hija kienet tappartjeni għal klassi ta' nies li kienu fil-periklu li jiġu direttament effettwati mil-leġislazzjoni attakata, u cioe ma kinitx qed tagħmel talba fl-astratt, imma ilment dwar liġi li tolqot direttament lil dawk l-avukati li kienu kandidati eliġibbli biex jiġu kkunsidrati għall-elevazzjoni għall-ġudikatura, fosthom ir-rikorrenti stess;

20. Qabel intavolat il-proċeduri ai termini tal-Artikolu 541 tal-Kap 9, l-għaqda rikorrenti kienet bagħtet *notitia criminis* lill-Kummissarju tal-Pulizija[8], illi permezz tagħha talbet sabiex, in konsiderazzjoni tal-konklużjonijiet illi

---

[6] Rik Kostit Nru 329/2021, Qorti Kostituzzjonali, 7 ta' Marzu 2022

[7] Rik Kostit Nru 234/2021, Qorit Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Grazio Mercieca, 2 ta' Diċembru 2021 (in ġudikat)

[8] Vide **Dok A** formanti parti mill-atti tal-proċedura ta' sfida quddiem il-Maġistrat Dr Nadine Lia, a fol 52 *et seq* tal-proċess

allegatament kienet waslet għalihom l-Inkjesta Maġisterjali in konnessjoni mal-investigazzjoni kriminali dwar ħasil ta' flus fil-Pilatus Bank minn, u permezz ta', diversi uffiċjali tal-imsemmi Bank, jitressqu sabiex jittieħdu passi kriminali fil-konfront tagħhom is-segwenti persuni: Mehmet Tasli, Rivera Luis Felipe, Ali Sadr Hasheminejad, Ghambari Hamidreza u Antoniella Gauci. Din in-*notitia criminis* ġiet segwita b'ittra legali b'talba għal informazzjoni dwar l-istess *notitia criminis*, spedita wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija għan-nom tal-għaqda REPUBBLIKA[9]. Kien wara din l-ittra illi ġew istitwiti l-proċeduri ta' sfida ai termini tal-Artikolu 541(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)[10];

21. Minn dan jirriżulta għalhekk illi l-għaqda rikorrenti hija għalhekk parti fil-proċeduri ta' sfida, u dan bħala *"il-persuna li tkun għamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela"* fit-termini tal-Artikolu 541(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Difatti, ġie spjegat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet ***Adrian Busietta vs L-Avukat Ġenerali et***[11], liema sentenza ġiet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali *in toto*:

> *F'dik il-proċedura, huma tnejn il-partijiet: il-parti rikorrenti li tkun ħassitha aggravata għaliex il-Pulizija ma tkunx ħadet passi kontra l-persuna kwerelata jew rapportata, u l-Kummissarju tal-Pulizija in rappreżentanza tal-Korp tal-Pulizija, li jkun qiegħed jiġi sfidat biex jibda l-proċeduri kontra l-persuna kwerelata jew rapportata.*

22. L-istatus tal-għaqda rikorrenti jidher għalhekk illi qiegħed f'xi punt bejn iż-żewġ xenarji mogħtija fil-ġurisprudenza illi ssir referenza għaliha mill-partijiet fis-

---

[9] Vide **Dok B** formanti parti mill-atti tal-proċedura ta' sfida quddiem il-Maġistrat Dr Nadine Lia, a fol 54 tal-proċess

[10] Vide rikors formanti parti mill-atti tal-proċedura ta' sfida quddiem il-Maġistrat Dr Nadine Lia, a fol 50 *et seq* tal-proċess

[11] Rik Nru 29/2003/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, Onor Imħ Joseph R Micallef, 19 ta' Mejju 2005 (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali)

sottomissjonijiet tagħhom, u cioe bejn ix-xenarju illi tagħmel referenza għalih l-għaqda rikorrenti, fejn ir-rikorrenti fil-kawżi suċitati kienu persuni illi kienu ser jiġi personalment affettwati mil-leżjoni potenzjali tad-drittijiet fundamentali tagħhom, u x-xenarju illi jagħmel referenza għalih l-Avukat tal-Istat, fejn ir-rikorrenti f'***Busuttil*** kien persuna illi ma kienx ser jiġi affettwat personalment mill-proċeduri illi fihom kien qiegħed jilmenta illi hemm leżjoni potenzjali tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Dan stante illi l-għaqda rikorrenti qiegħda hawnhekk tilmenta mill-potenzjalita' ta' imparzjalita' fi proċeduri minnha istitwiti, illi essenzjalment għadhom ma waslux f'punt illi ser jaffettwaw lit-terzi persuni indikati fin-*notitia criminis*, iżda illi, fl-istess waqt, lanqas huma proċeduri illi sejrin jaffettwaw lill-għaqda rikorrenti b'mod dirett, għaliex l-eżitu tal-proċeduri ta' sfida sejjer iwassal sabiex jiġi determinat jekk ir-rifjut tal-Pulizija illi jmexxi l-azzjoni kriminali kienx ġustifikat jew le;

23. F'**Busuttil** suriferita, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi:

> *[...][M]in iressaq azzjoni dwar drittijiet fondamentali jrid juri li huwa dritt tiegħu li sejjer jinkiser, jew x'aktarx sejjer jinkiser, bl-għemil li dwaru jsir l-ilment. Fi kliem ieħor, irid juri interess ġuridiku jew – fil-lingwaġġ tal-ġurisprudenza dwar il-Konvenzjoni – li huwa "vittma", għax, kif wara kollox sewwa qalet l-ewwel qorti, din tal-lum ma hijiex actio popularis.*

24. Huwa minnu illi l-għaqda rikorrenti hija parti fil-proċedura ta' sfida. Dan għaliex, hekk kif tgħallem il-Qorti Kostituzzjonali f'***Adrian Busietta vs L-Avukat Ġenerali et***[12], fi proċeduri ta' sfida, il-Qorti tal-Maġistrati:

> *[...][T]issindika biss l-operat tal-Pulizija biex tara jekk ir-rifjut ta' l-istess Pulizija li tmexxi l-azzjoni kriminali kienx ġustifikat o meno. F'dan is-sens, il-persuna "investigata" hija l-Pulizija, li*

[12] Appell Ċivili nru 29/2003/1, Qorti Kostituzzjonali, 13 ta' Marzu 2006

*trid tiġġustifika l-inazzjoni tagħha, u mhux il-persuna li tkun issemmiet fil-kwerela, fid-denunzja jew fir-rapport. Il-proċedura ta' sfida hija proċedura li biha l-awtorita' ġudizzjarja, a differenza ta' xi awtorita' oħra ġerarkikament superjuri għal dik tal-Pulizija Eżekuttiva, tara jekk il-Pulizija Eżekuttiva tkunx imxiet korrettement f'każ partikolari fejn hija tkun qed tgħid li m'għandhiex taġixxi in segwitu għal rapport, denunzja jew kwerela partikolari.*

25. Madanakollu, il-proċeduri ta' sfida jistgħu jwasslu sabiex jiġu intavolati proċeduri kriminali, liema proċeduri kriminali ser jirrigwardaw lil terzi, u mhux lill-għaqda rikorrenti. Għaldaqstant, hemmx leżjoni o meno tad-dritt għal smigħ xieraq tal-għaqda rikorrenti fil-proċeduri ta' sfida, effettivament mhux ser iwassal sabiex l-għaqda rikorrenti titpoġġa f'pożizzjoni agħar jew iktar żvantaġġjata mill-pożizzjoni illi qiegħda fiha llum;

26. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-istat tal-għaqda rikorrenti bħala vittma o meno jista' jiġi delineat b'mod aktar ċar meta wieħed jifhem eżattament l-elementi illi jeħtieġ illi jissustixxu sabiex tirnexxi kawża bħal dik odjerna, u cioe jekk humiex applikabbli għall-każ odjern l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Difatti, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi l-inapplikabilita' tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fit-tieni paragrafu tar-risposta tiegħu;

27. Min-nota ta' sottomissjonijiet tal-għaqda rikorrenti, huwa ċar u mhux kontestat illi l-għaqda rikorrenti qiegħda tibbaża l-argument tagħha unikament fuq dik illi hija s-*civil limb*, jew il-fergħa ċivili, ta' dawn iż-żewġ artikoli, u mhux għall-*criminal limb*. Difatti, l-għaqda rikorrenti tagħmel fis-sottomissjonijiet tagħha referenza biss għall-*Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights, Right to a Fair Trial (Civil Limb)*, u tikkwota b'mod estensiv minn dawn

il-linji-gwida[13], mingħajr ebda referenza għall-linji-gwida illi jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) għal kwestjonijiet ta' natura kriminali. Sfortunatament, iżda, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-għaqda rikorrenti tirriproduċi tnax-il paġna minn dawn il-linji-gwida iżda tonqos milli tindika lil din il-Qorti liema parti speċifika mill-istess riproduzzjoni qed tissostanzja l-argument tagħha;

28. Sabiex jiġi determinat jekk humiex applikabbli dawn l-artikoli għall-każ in eżami, din il-Qorti sejra tibda billi tagħmel referenza għal dak ritenut mill-Qorti Ewropea *inter alia* fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain***[14], fejn ingħad:

> *43. The Court reiterates that for Article 6 § 1 to be applicable in its "civil" limb there must be a dispute ("contestation") over a "right" that can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law. The dispute must be genuine and serious; it may relate not only to the actual existence of a right but also to its scope and the manner of its exercise. The outcome of the proceedings must be directly decisive for the right in question: mere tenuous connections or remote consequences are not sufficient to bring Article 6 § 1 into play (see, for example, the following judgments: **Le Compte, Van Leuven and De Meyere v. Belgium**, 23 June 1981, Series A no. 43, pp. 21-22, § 47; **Fayed v. the United Kingdom**, 21 September 1994, Series A no. 294-B, pp. 45-46, § 56; **Masson and Van Zon v. the Netherlands**, 28 September 1995, Series A no. 327-A, p. 17, § 44; **Balmer-Schafroth v. Switzerland**, 26 August 1997, Reports 1997-IV, p. 1357, § 32;*

[13] Vide nota ta' sottomissjonijiet tal-għaqda rikorrenti, a fol 586 sa 602
[14] Appl Nru 62543/00, Raba' Sezzjoni tal-QEDB, 27 t'April 2004. Ara wkoll **Denisov v. Ukraine**, Appl Nru 76639/11, Grand Chamber tal-QEDB, 25 ta' Settembru 2018, § 44

and **Athanassoglou and Others v. Switzerland** *[GC], no. 27644/95, § 43, ECHR 2000-IV; see also* ***Syndicat des médecins exerçant en établissement hospitalier privé d'Alsace and Others v. France*** *(dec.), no. 44051/98, 31 August 2000).*

29. Dwar dak illi jikkostitwixxi dritt jew obbligazzjoni ta' natura **<u>ċivili</u>, Harris, O'Boyle u Warbrick**, fil-ktieb tagħhom ***Law of the European Convention on Human Rights***, jaffermaw:

> *According to its text, Article 6(1) applies 'in the determination' of a person's 'civil rights and obligations'. In their early jurisprudence, the Strasbourg authorities established that the phrase 'civil rights and obligations' incorporated, by the use of the word 'civil', the distinction between private and public law, with 'civil' rights and obligations being rights and obligations in private law. [...] On the basis of it, rights and obligations at issue in the relations between the individual and the state (eg the right to nationality and the obligation to pay taxes) do not, the problem in the latter case being to know where to draw the line. Criminal law is in a special position. Decisions taken in the 'determination of ... any criminal charge' are included by a separate part of the wording of Article 6(1). Ancillary decisions relating to criminal proceedings are not subject to Article 6 on the criminal side and not otherwise subject to Article 6 as decisions determinative of 'civil rights and obligations'. They are excluded both because of the distinction between private and public law and also, as the Court has preferred to emphasize, because, if certain decisions in criminal proceedings are specifically covered by Article 6(1), others, by inference, are not.*

*It follows from the above that the Convention does not guarantee a fair trial in the determination of all of the rights and obligations that a person may arguably have in national law. However, as will be seen, the gaps in the coverage of Article 6 have been significantly, if somewhat confusingly, reduced by interpretation. Indeed, whereas the Court occasionally still relies upon the public law / private law divide when excluding rights or obligations as not being 'civil', more recent jurisprudence, by which more and more rights and obligations have been brought within Article 6, is not always easy to explain in terms of any distinction between private and public law that is found in European national law.*[15]

30. In oltre, jiddefinixxu mbagħad l-istess awturi l-kunċett ta' **'drittijiet u obbligazzjonijiet'** fi kliem il-Qorti Ewropea bħala,

*'[R]ights and obligations' 'which can be said, at least on arguable grounds, to be recognised under domestic law'. The requirement is only that the applicant have a 'tenable' argument, not that he will necessarily win. If the applicant has no arguable right under national law, Article 6 does not apply. [...]*

*Thus Article 6 does not control the content of a state's national law; it is only a procedural guarantee of a right to a fair hearing in the determination of whatever legal rights and obligations a state chooses to provide in its law.*[16]

---

[15] Harris, O'Boyle u Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (Oxford, 2nd Edn, 2009) p. 210-211

[16] Ibid, p. 223-224

31. Finalment, Harris, O'Boyle u Warbrick isostnu illi:

> *For Article 6 to apply there must be a '__dispute__' at the national level, between two private persons or between the applicant and the state,* ***the outcome of which is determinative of the applicant's civil rights and obligations****. The need for a dispute follows from the use of the word 'contestation' in the French text of Article 6. Generally, the Court has interpreted the 'dispute' requirement in such a way that it is not a significant hurdle. [...]*
>
> *A dispute may concern a question of law or of fact. It need not concern the actual existence of a right, but may relate instead to its 'scope ... or the manner in which the beneficiary may avail himself of it.' The dispute must be 'genuine and of a serious nature'. This requirement may exclude a case of a hypothetical kind [...] or a case win which the applicant does not pursue his claim seriously [...]. For the case to be 'genuine and serious',* ***there must also be something 'at stake' for the applicant****. In* Kienast v. Austria*, the applicant contested the unification of two small plots of land that he owned. It was held that Article 6 did not apply because the unification, which was part of a 'tidying up' exercise by the authorities, did not affect the applicant's ownership or use of his land or, in practice, his freedom to transfer ownership: as a result, his civil rights were not 'at stake'. It is not necessary that damages be claimed for a claim to be 'genuine and serious'; a request for a declaratory judgment is sufficient.*
>
> *[...]*

> *Supposing that a dispute exists, it is still necessary to show that civil rights and obligations are being '**determined**' by the decision to which it is sought to apply Article 6(1). This will be the case* ***when the decision is 'directly decisive' for the civil rights and obligations concerned****. [...]*
>
> *[...]*
>
> *[...] It was in* Le Compte v. Belgium *that the Court established that they must be 'directly decisive' and that a 'tenuous connection or remote consequences do not suffice'. [...]*[17]

32. Applikat il-premess għall-fatti tal-każ odjern, din il-Qorti ddur issa għal ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea illi trattat ilmenti fit-termini tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fi proċeduri illi l-eżitu tagħhom kellu jwassal għall-prosekuzzjoni ta' terzi fi proċeduri penali:

- Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Perez v. France***[18], il-Qorti Ewropea kellha quddiemha każ fejn ir-rikorrenti kienet *parte civile*, u kienet qed tilmenta illi l-investigazzjoni mill-Qorti ta' Kassazzjoni Franċiża illi kellha twassal sabiex jittieħdu proċeduri kriminali kontra terzi, kienet tilledi d-dritt fundamentali tagħha kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti Ewropea nnotat illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa applikabbli f'każijiet fejn il-vittma ta' reat tkun ġiet ammessa bħala *parte civile*, u dan sabiex titlob danni ċivili; iżda madanakollu, *"The Court considers that in such cases the applicability of Article 6 has reached its limits. It notes that the Convention does not*

---

[17] Harris, O'Boyle u Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (Oxford, 2nd Edn, 2009) p. 225-226 (emfasi miżjuda minn din il-Qorti)
[18] Appl Nru 47287/99, Qorti Ewropea (Grand Chamber), 12 ta' Frar 2004

*confer any right, as demanded by the applicant, to "private revenge" or to an actio popularis. Thus, the right to have third parties prosecuted or sentenced for a criminal offence cannot be asserted independently: it must be indissociable from the victim's exercise of a right to bring civil proceedings in domestic law, even if only to secure symbolic reparation or to protect a civil right such as the right to a "good reputation""*;

- Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Sigalas v. Greece***[19], ir-rikorrent, illi kien ukoll *parte civile* fi proċeduri kriminali kontra terzi, ilmenta illi r-rapport tiegħu ġie preskritt peress illi l-proċeduri ħadu fit-tul, b'dana illi r-rikorrent allega li ġew hekk leżi d-drittijiet tiegħu fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fost osservazzjonijiet oħra, il-Qorti Ewropea rriteniet, *"que la Convention ne garantit pas le droit à l'ouverture de poursuites pénales contre des tiers (voir, parmi beaucoup d'autres,* ***Calvelli et Ciglio c. Italie*** *[GC], no 32967/96, § 51, CEDH 2002-I), tout comme elle ne garantit ni le droit à la « vengeance privée », ni l'actio popularis (voir, mutatis mutandis,* ***Karaosmanoglu c. Belgique*** *(déc.), no 51082/99, 20 janvier 2005) ; autrement, dit, le droit de faire poursuivre ou condamner pénalement des tiers ne saurait être admis en soi (Perez c. France, précité, § 70)."*;

- Fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Mustafa Tunc and Fecire Tunc v. Turkey***[20], illi jagħmel referenza għaliha wkoll l-Avukat tal-Istat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-Qorti Ewropea kellha quddiemha każ illi kien jittratta leżjoni o meno tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea; madanakollu, iċ-ċirkostanzi tal-każ, illi kienu jittrattaw, in suċċint, l-investigazzjoni taċ-ċirkostanzi illi fihom miet iben ir-rikorrenti, illi r-rikorrenti kienu qed jikkontendu illi ma kinitx investigazzjoni indipendenti, wasslu lill-Qorti sabiex għal darb'oħra tfakkar illi, *"Article 6 is not*

[19] Appl Nru 19754/02, Qorti Ewropea (L-Ewwel Sezzjoni), 22 ta' Settembru 2005
[20] Appl Nru 24014/05, Qorti Ewropea (Grand Chamber), 14 t'April 2015

*applicable in the present case. Proceedings brought by one person to challenge a decision not to prosecute another do not themselves seek to determine "civil rights and obligations"*;

- Finalment, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain**[21] suriferita, il-Qorti Ewropea kellha quddiemha każ illi kien jirrigwarda numru ta' persuni illi l-proprjeta' tagħhom kienet ser tiġi affettwata minn proġett ta' bini ta' diga fil-viċinanzi. Huma ngħaqdu flimkien u fformaw assoċjazzjoni, u bħala assoċjazzjoni kkontestaw dan il-proġett. L-Artikoli ta' Assoċjazzjoni ta' din l-organizzazzjoni kien jgħid speċifikament illi l-għan tal-organizzazzjoni kien, *inter alia*, *"to coordinate its members' efforts to oppose construction of the Itoiz dam and to campaign for an alternative way of life on the site [...]"*. L-Assoċjazzjoni istitwiet proċeduri quddiem il-Qorti Ewropea għax saħqet illi fil-proċeduri legali illi ħadet sabiex jitwaqqaf il-proġett, ma kinitx ngħatat smigħ xieraq. Il-Qorti Ewropea, dwar eċċezzjoni sollevata illi l-assoċjazzjoni ma kellhiex *victim status*, qalet:

> *35. [...] According to the Court's established case-law, the concept of "victim" must be interpreted autonomously and irrespective of domestic concepts such as those concerning an interest or capacity to act. In addition, in order for an applicant to be able to claim to be a victim of a violation of the Convention, there must be a sufficiently direct link between the applicant and the harm which they consider they have sustained on account of the alleged violation (see, among other authorities,* ***Tauira and Others v. France****, no. 28204/95, Commission decision of 4 December 1995, Decisions and Reports (DR) 83-B, p. 112;* ***Association des amis de Saint-Raphaël et de Fréjus and Others v. France****, no. 38192/97, Commission decision of*

(emfasi miżjud minn din il-Qorti)

[21] Appl Nru 62543/00, Raba' Sezzjoni tal-QEDB, 27 t'April 2004

> 1 July 1998, DR 94-B, p. 124; ***Comité des médecins à diplômes étrangers v. France and Others v. France*** (dec.), nos. 39527/98 and 39531/98, 30 March 1999).
>
> 36. *In so far as the applicant association alleges a violation of Article 6 § 1 of the Convention, the Court notes that the association was a party to the proceedings brought by it before the domestic courts to defend its members' interests. Accordingly, it considers that the applicant association may be considered a victim, within the meaning of Article 34, of the alleged shortcomings under the provision relied upon (see* ***Association for the Protection of Car Purchasers and Others v. Romania*** *(dec.), no 34746/97, 10 July 2001).*

Madanakollu, imbagħad, minkejja illi rrikonoxxiet lill-assoċjazzjoni rikorrenti bħala vittma, il-Qorti Ewropea sussegwentement qalet illi:

> *44. In the instant case, while it is common ground that a dispute existed over a right recognised under domestic law, there was disagreement as to its subject matter. According to the Government, at no point did the dispute focus on the association's economic or private rights, but instead on upholding the law and collective rights, so that no "civil" right was at stake. The applicant association, on the other hand, claimed to have acted to defend the individual and private rights and interests of its members.*
>
> *45. The Court notes that, in addition to defence of the public interest, the proceedings before the Audiencia Nacional and subsequently before the Supreme Court were intended to defend certain specific interests of the association's members,*

*namely their lifestyle and properties in the valley that was due to be flooded. [...]*

*46. Admittedly,* ***the aspect of the dispute relating to defence of the public interest did not concern a civil right*** *which the first five applicants could have claimed on their own behalf. However, that was not true with regard to the second aspect, namely the repercussions of the dam's construction on their lifestyles and properties. In its appeals, the applicant association complained of a direct and specific threat hanging over its members' personal assets and lifestyles. Without a doubt, this aspect of the appeals had an "economic" and civil dimension, and was based on an alleged violation of rights which were also economic (see Procola v. Luxembourg, judgment of 28 September 1995, Series A no. 326, pp. 14-15, § 38).*

Kien fuq dan il-binarju illi l-Qorti Ewropea ddikjarat l-applikabilita' tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni għall-każ, u cioe illi l-assoċjazzjoni ma kinitx qed tiddefendi interess pubbliku, iżda d-dritt ċivili personali għall-proprjeta' tal-membri tagħha;

33. **Evidentement għalhekk jirriżulta illi mhux biżżejjed illi r-rikorrent ikun vittma jew vittma potenzjali, u jkollu *victim status*, iżda jrid ikun b'xi mod personalment affettwat mill-proċeduri illi fihom ikun qed jallega illi qed jiġu jew ser jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu;**

34. Finalment, din il-Qorti tinnota illi minkejja illi l-ġurisprudenza suriferita hija ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea illi tirrigwarda l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, il-Qrati Maltin konsistentement applikaw l-istess prinċipji legali dwar *victim status* u d-definizzjoni ta' *"civil rights and obligations"* fix-xena lokali, u

dan peress illi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jitkellem ukoll dwar *"deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili"*;

35. Tenut kont tal-premess, din il-Qorti tagħmel għalhekk is-segwenti osservazzjonijiet:

(a) Illi l-għaqda rikorrenti, fir-rikors promotur, tikkwota numru ta' artikoli mill-Istatut tagħha. Evidentement, l-għan illi għalih ġiet imwaqqfa l-għaqda rikorrenti mhuwiex l-interess privat u/jew personali tal-membri tagħha, iżda l-interess tal-pubbliku in ġenerali;

(b) Minn dan għalhekk isegwi illi l-proċeduri ta' sfida ma ġewx intavolati fl-interess privat u/jew personali tal-membri tagħha;

(c) In oltre, l-eżitu tal-proċeduri ta' sfida mhux ser jimpinġi fuq id-dritt privat u/jew personali u/jew ekonomiku ta' xi membri fl-għaqda rikorrenti;

(d) **Konsegwentement, għalhekk, l-għaqda rikorrenti ma tistax tiġi meqjusa bħala vittma fit-termini tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u/jew tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;**

(e) In oltre, anke jekk, għall-grazzja tal-argument biss, l-għaqda rikorrenti kellha titqies illi hija "vittma" fit-termini tal-istess artikolu bħala l-għaqda illi istitwixxiet il-proċeduri ta' sfida, il-ġurisprudenza suriferita tagħmilha ċara illi: (i) wieħed ma jistax jilmenta minn leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu fi proċeduri fejn l-eżitu jwassal sabiex jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront ta' terzi, sakemm tali proċeduri ma jkunux intrinsikament marbuta mad-dritt ċivili għal kumpens f'danni ċivili; u (ii) proċeduri illi jittieħdu fl-interess pubbliku m'humiex meqjusa bħala proċeduri illi jirrigwardaw dritt ċivili;

36. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tilqa'** l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-Avukat tal-Istat.

**Decide**

37. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

a. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba rikorrenti stante illi din ġiet sorvolata *pendente lite*;

b. **Tilqa**' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-Avukat tal-Istat; u konsegwentement

c. **Tiċħad** it-talbiet l-oħra kollha tal-għaqda rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra REPUBBLIKA.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**